# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Gimgha 30 ta' Novembru, 2001 .

### Citazzjoni numru : 23/1995G1(PC)

**Teddy Rapa bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' "Rapa Showrooms Limited" .**

**vs**

**Michael Zammit bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza ta' "Bull Properties" .**

**Il-Qorti ,**
**Rat ic-Citazzjoni li permezz taghha l-attur nomine, wara li ppremetta :**

**Illi l-konvenut huwa veru cert u likwidu debitur ta' l-attur fis-somma ta' mitejn u hamsa u hamsin lira Maltin hamsa u erbghin centezmu (Lm255.45) dovuta bhala bilanc prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u konsenjati ;**

**Illi ghalkemm interpellat biex ihallas dan l-ammont il-konvenut baqa' inadempjenti .**

**Talab lilll-konvenut jghid ghaliex m'ghandiex din il-Qorti :**

1. **Tiddikjara lill-konvenut debitur ta' l-attur fis-somma ta' mitejn u hamsa u hamsin liri maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm255.45) dovuta bhala bilanc prezz ta' merkanziji lilu mibjugha u konsenjati .**
2. **Tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mitejn u hamsa u hamsin liri maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm255.45) fuq imsemmija dovuta skond kif indikat .**

**Bl-interessi kummercjali .**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-7 ta' Lulju, 1995 u bl-ingunzjoni lill-konvenut ghas-subizzjoni .**
**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur nomine, konfermata bil-gurament ta' Teddy Rapa .**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa :**

1. **Illi in linea preliminari, hu ma jirrapprezenta ebda korp fiziku jew morali bl-isem "Bull Properties", u kwindi ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju ;**

2. **Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ic-citazzjoni odjerna hija monka u nulla ghaliex ma hix akkompanjata bid-dokumenti mehtiega biex isahhu it-talbiet attrici a tenur tal-artikolu 156(2) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;**

3. **Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti la fil-kwalita' tieghu fuq citata u lanqas f'ebda kwalita' ohra ma ghandu jaghti xejn lill-attur nomine skond ma indikat fid-dokument A esebit mill-attur mac-citazzjoni ;**

4. **Illi wkoll minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma fi kwalunkwe kaz, u ictu oculi kolpiti bil-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar, a tenur tal-artikolu 2148 tal-Kodici Civili, u anke ta' sentejn a tenur tal-artikolu 2149 tal-Kodici Civili – u dan anke minhabba l-fatt illi l-esponenti qatt ma gie notifikat bl-ittra ufficjali tas-7 ta' Lulju, 1995 (sic) qabel din il-kawza .**

5. **Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut minnu mahlufa .**

**Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi d-dokumenti esebiti u l-verbali tax-xhieda mismugha .**

**Ikkunsidrat :**
**Illi permezz ta' din il-kawza l-attur nomine qed jitlob il-hlas ghal merkanzija diversa mibjugha u konsenjata lill-konvenut nomine . Il-konvenut nomine qieghed *inter alia* jeccepixxi l-preskrizzjoni ta' tmintax il-xahar a tenur ta' l-artikolu 2148 u dik ta' sentejn a tenur ta' l-artikolu 2149 (Kap. 16) . Huwa doveruz ghalhekk illi tigi qabel xejn investigata din l-eccezzjoni, ghax jekk tirnexxi, jkun inutili li jigu kunsidrati l-eccezzonjiet l-ohra mressqa mill-konvenut nomine . Il-Kodici Civili taghna jispjega f'dan ir-rigward kif :**

**"*Il-preskrizzjoni hija wkoll mezz sabiex wiehed jehles minn azzjoni meta l-kreditur ma jkunx ezercita l-jedd ghal zmien li tghid il-ligi*" .**
**(art. 2107(2) .**

**"*La prescrizione e' un mezzo di acquistare o di liberarsi mediante un certo corso di tempo e colle condizioni determinate dalla legge*," jghid it-Troplong (Della Prescrizione) .**
**Billi l-hlas mitlub mill-attur nomine bhala l-kreditur jirrigwarda l-prezz ta' merkanzija mibjugha lill-konvenut nomine, l-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta' tmintax (18) il-xahar stipulata bl-artikolu 2148(b) li jirreferi ghall-**

***"azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli, mibjugha bl-imnut."***

**Mid-dokumenti esebiti mill-attur nomine (Dokti. TR sa TR 12) irrizulta illi l-ammonti mitluba jirrigwardaw il-prezz ta' diversi oggetti mibjugha bejn is-sbatax(17) ta' Dicembru 1992 u t-tmintax (18) ta' Jannar 1993 . Il-kawza prezenti giet ipprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti fl-20 ta' April 1995, u ghalhekk wara l-iskadenza tal-perijodu stipulat mil-ligi fl-artikolu hawn citat. Ghalhekk jekk ma jirrizultax illi dan il-perijodu gie b'xi mod interrott, din l-eccezzjoni tal-konvenut jkollha tigi milqugha .**

**Il-ligi taghna tistabilixxi diversi modi kif tista' ssir din l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni . Tali interruzzjoni tista' ssir b'att gudizzjarju, bir-rikonoxximent tad-debitu jew bil-pagament akkont (artikoli 2128 – 2136 Kap. 16) . Fil-kaz in ezami l-attur nomine fic-citazzjoni tieghu jaghmel referenza ghal xi ittra ufficcjali spedita lill-konvenut nomine fis-7 ta' Lulju 1995 . Apparti l-fatt illi din id-data hija evidentement zbaljata, u kif fisser il-legali tal-konvenut nomine fil-kontro-ezami ta' l-attur nomine, din x'aktarx riedet taqra is-7 ta' April 1995, (u cioe' ftit qabel giet ipprezentata l-kawza), ma giet provduta ebda evidenza li attwalment intbghatet din l-ittra, u fi kwalunkwe kaz, certament kienet tardiva u ma setghetx interrompiet il-preskrizzjoni li kienet gia ghaddiet a favur tad-debitur .**

**Lanqas ma rrizulta li qatt sar xi pagament akkont tul il-perijodu li kien ghaddej il-preskrizzjoni u lanqas li gie rikonoxxut id-debitu mill-konvenut nomine . L-attur nomine fid-depozizzjoni tieghu jallega illi l-konvenut nomine kien iwieghed li ser ihallas .**

**"Statements, jiena kont nibghatlu . U kont nghidlu bihom .**
**Issa nhallsek, issa nhallsek … u bqajna hekk, hux" (a fol. 19 tal-process) .**

**Imma madankollu ma ngiebet ebda prova dwar id-dati meta suppost sar dan l-allegat rikonoxximent da parti tal-konvenut nomine, u l-Qorti ma tistghax tistrih fuq din is-semplici asserzjoni ta' l-atttur biss biex tara jekk setghatx giet interrotta l-preskrizzjoni b'dan il-mod .**

**Ghal dawn il-motivi, u peress illi rrizulta li l-eccezzjoni tal-konvenut nomine dwar il-preskrizzjoni ta' tmintax (18) il-xahar a tenur ta' l-artikolu 2148(b) hija gustifikata .**

**Tiddecidi l-kawza billi tilqa' din l-eccezzjoni u tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-attur nomine .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat .**
**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur .**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**
Sk2395Pc(1015)